

31991R0147

23.1.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 17/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 147/91

tat-22 ta' Jannar 1991

li jfisser u jiffissa t-tolleranzi għal telf fi kwantitajiet ta' prodotti agrikoli fil-ħażna pubblika ta' intervent

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3492/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jippreskrivi l-fatturi li jridu jitqiesu fil-kontijiet annwali dwar il-finanzjament tal-miżuri ta' intervent fl-għamla ta' ħażna pubblika mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, Taqsima ta' Garanzija ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi għandha tiġi speċifikata t-tifsira tat-tolleranza li hemm fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3492/90 għall-preservazzjoni ta' prodotti agrikoli fil-ħażna pubblika ta' intervent u l-metodu tal-kalkolu li għandu jintuża sabiex jiġu determinati l-konsegwenzi finanzjarji tal-ħażna;

Billi din it-tolleranza tirreferi għal telf ordinarju f'kwantitajiet li jirriżultaw mill-ħażna normali jew mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fl-intervent bil-konsiderazzjoni xierqa lejn il-ħtiġiet għall-ippreservar xieraq tal-prodott;

Billi din it-tolleranza għandha tkun iffissata għal kull prodott ikkonċernat, bl-użu ta' metodu sempliċi u billi jitqies it-telf f'kwantitajiet li mhumiex identifikabbli li seħħu tul il-ħażna fis-snin reċenti; billi l-limitu għandu għalhekk jiġi ffixsat bħala perċentwali tal-kwantità totali maħżuna;

Billi fil-każ ta' ċerti prodotti soġġetti għall-ipproċessar bejn ix-xiri u l-ħażna, tolleranzi speċifiċi għandhom jiġu ffixsati għal telf waqt l-ipproċessar;

Billi ma kien hemm l-ebda operazzjonijiet ta' ħażna ta' laħam tal-majjal għal żmien twil, u dan il-limitu għandu jkun iffissat biss wara jekk l-operazzjonijiet ta' ħażna jerġgħu jibded;

Billi għandu jiġi speċifikat il-perjodu meta l-effetti finanzjarji ta' l-applikazzjoni tat-tolleranzi għandhom jitqiesu mill-EAGGF Taqsima ta' Garanzija;

Billi għal ċerti prodotti agrikoli il-metodu ta' kalkolu tal-perċentwali tat-telf li hu normalment permess tul il-ħażna ġie immodifikat fundamentament; billi huwa neċessarju li jiġu eżaminati dawn il-perċentwali fid-dawl ta' l-esperjenza.

Billi t-tolleranzi ġew iffissati fir-Regolamenti skond is-settur; billi għall-għan tas-sempliċità legali għandhom jiġu mniżżla f'Regolarment wieħed;

Billi l-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat EAGGF,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qiegħed hawn jiġi ffixsat limitu ta' tolleranza għal telf f'kwantitajiet li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' ħażna normali mwettqa skond ir-regoli aċċettati għal kull prodott agrikolu li jaqa' taħt miżura ta' ħażna pubblika.

2. It-tolleranza għandha tkun iffissata bħala persentwali tal-piż attwali, mingħajr ippakkjar, tal-kwantitajiet li jidħlu fil-ħażna u meħuda fil-pussess waqt is-sena finanzjarja inkwistjoni, kif ukoll il-kwantitajiet fil-ħażna fil-bidu ta' dik is-sena. Għandha tiġi kkal-kolata, għal kull prodott, fuq il-bażi tal-kwantitajiet kollha maħżuna minn aġenzija ta' intervent.

Il-piż attwali meta jsir ix-xiri għall-ħażna u l-ħruġ huma kkalkolati billi jitnaqqas il-piż ta' l-imballaġġ standard, kif preskritti fil-kondizzjoniet tax-xiri għall-ħażna, mill-piż imniżżel jew, fl-assenza, il-piż ta' l-imballaġġ medju użat mill-aġenzija.

3. It-tolleranza ma għandix tkopri t-telf f'termini tan-numru ta' pakki jew tan-numru ta' bċejjeċ reġistrati.

Artikolu 2

1. Il-perċentwali għal telf normali permessi tul il-ħażna huma hawnhekk iffissati kif ġej:

— ċereali	0,2 %
— qamħirrum tar-ross sorgu li għadu fil-fosdqa	0,4 %
— zokkor	0,1 %
— żejt taż-żebbuġa	0,6 %
— żrieragħ	0,2 %
— żerriegħa tal-fjura tax-xemx	0,8 %
— alkoħol	0,6 %
— tabakk tal-werqa	0,0 %
— tabakk trasformat jew imballat	1,0 %
— trab tal-ħalib xkumat	0,0 %
— butir	0,0 %

(¹) ĠU L 337, ta' l-4.12.1990, p. 3.

— ġobon: Grana Padano 4,5 %

Parmigiano Reggiano 6,5 %

— ċanga 0,6 %

— laħam tal-majjal għandu jiġi definit aktar tard.

2. Il-perċentwali għal telf permess waqt l-i-proċessar huma hawnhekk iffissati kif ġej:

— it-tneħħija ta' l-għadam taċ-ċanga 32 %

— l-i-proċessar tat-tabakk tal-werqa 19 %

Dawn il-perċentwali għandhom japplikaw għall-kwantitajiet kollha proċessati waqt is-sena finanzjarja.

Artikolu 3

Telf li jeċċedi t-tolleranza għandu jiġi prenotat fl-aħħar tas-sena finanzjarja ta' l-EAGGF Taqsima ta' Garanzija.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Jannar 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

Artikolu 4

Il-perċentwali mniżżla fl-Artikolu 2 għandhom jkunu riveduti, l-aktar tard wara tliet snin, fuq il-bażi ta' eżamijiet imwettqa wara l-applikazzjoni tal-metodi ġodda ta' kalkolu.

Artikolu 5

Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 742/70, (KEE) Nru 743/70, (KEE) Nru 771/71, (KEE) Nru 899/70, (KEE) Nru 2705/71, (KEE) Nru 236/72, (KEE) Nru 2577/72, (KEE) Nru 638/74, (KEE) Nru 230/79 u (KEE) Nru 394/89 ⁽¹⁾ huma hawnhekk revokati.

L-Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Ottubru 1990.

(¹) ĠU L 90, ta' l-24.4.1970, p. 28.
 ĠU L 90, ta' l-24.4.1970, p. 29.
 ĠU L 85, ta' l-15.4.1971, p. 17.
 ĠU L 108, ta' l-20.5.1970, p. 12.
 ĠU L 280, ta' l-21.12.1971, p. 8.
 ĠU L 29, ta' l-2.2.1972, p. 18.
 ĠU L 275, ta' l-8.12.1972, p. 24.
 ĠU L 77, ta' l-22.3.1974, p. 30.
 ĠU L 32, ta' l-8.2.1979, p. 23.
 ĠU L 45, ta' l-17.2.1989, p. 12.